# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 2 ta' Mejju, 2019.**

**Numru 2**

**Rikors numru 154/05JA**

**Dorielle Zerafa f'isimha u ghan-nom u in rapprezentanza tal-minuri bintha Alethea Zerafa, u dan b'digriet tat-23 ta' Mejju 2005; u b'digriet tas-7 ta' Ottubru 2011 l-attrici Dorielle Zerafa rrivertiet ghal kunjom xbubitha, cioe` Fenech**

**v.**

**Godwin Zerafa**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dawn huma appell principali maghmul mill-attrici u appell incidentali maghmul mill-konvenut minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni tal-Familja] fis-7 ta' Lulju 2017 li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet, inter alia, billi: ippronunzjat is-separazzjoni personali

bejn bil-partijiet bit-tort jinqasam b'mod ugwali bejniethom; ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ta' €200 fix-xahar ghat-tifla minuri taghhom; temmet il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom b'effett immedjat u ordnat li l-attrici tirritorna lill-konvenut l-arlogg tal-idejn, curkett tad-djamanti u ghodda; bl-ispejjez kollha tal-kawza jinqasmu bejn il-partijiet.

**<u>Fatti</u>**

2. Sa fejn relevanti l-fatti huma s-segwenti. Il-partijiet izzewgu fit-3 ta' Gunju 2011 wara gherusija qasira u minn dan iz-zwieg ghandhom tifla li llum ghandha 'il fuq minn 16-il sena. Meta zzewgu, il-partijiet marru jghixu ma' omm l-attrici, izda ftit wara beda jinqala' inkwiet matrimonjali b'litigji bejniethom li fihom okkazjonalment kienet tintervjeni omm l-attrici sabiex tiddefendi lil bintha. L-attrici u anke ommha gieli sofrew griehi waqt dawn il-litigji. Wara t-twelid tat-tifla l-inkwiet matrimonjali aggrava, tant li l-attrici ghal circa sentejn kienet iccahhad lill-konvenut mill-att konjugali, sakemm eventwalment il-konvenut wara litigju ahrax bejn il-partijiet ha l-parir tal-pulizija biex dak in-nhar ma jorqodx fid-dar matrimonjali. Izda sussegwentement, wara li mar lura biex jidhol fid-dar matrimonjali, sab li l-attrici kienet biddlet is-serratura. Minn hemm 'il quddiem il-partijiet isseparaw *de facto* u l-konvenut mar joqghod mal-genituri tieghu, filwaqt li l-attrici u bintha baqghu joqoghdu

ma' omm l-attrici fid-dar matrimonjali parafernali tal-attrici. Matul is-separazzjoni l-konvenut kien ihallas lill-attrici is-somma ta' €350 li €200 minnhom kienu manteniment ghat-tifla filwaqt li l-kumplament kien manteniment ghall-attrici. Jirrizulta li l-konvenut dejjem kien regolari fil-hlas tal-manteniment, u baqa' jhallas l-istess ammont ta' manteniment ghall-attrici anke wara li z-zwieg kien gie dikjarat null mit-tribunali ekklezjastici u l-annullament ratifikat minn din il-Qorti fit-13 ta' April 2011. Huwa baqa' jhallas il-manteniment ghall-attrici ta' €150 fix-xahar sad-29 ta' April 2015, jigifieri sa erba' snin wara li z-zwieg kien gie annullat.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

3. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "TORT
>
> "Illi f'din il-kawża ta' separazzjoni nġiebu diversi provi li pero' kienu aktar ikkonċentrati fuq it-tort għat-tifrik taż-żwieġ milli fuq affarijiet oħra li solitament itawlu dawn it-tip ta' kawżi. Ittellgħu diversi xhieda iżda fil-fehma tal-Qorti l-aktar xhud li tat indikazzjoni ta' dak li kien qed jiġri bejn il-partijiet kienet is-*social worker* Doreen Camilleri li għalhekk il-Qorti se tirriproduċi x-xhieda tagħha:
>
>> *"Jiena naħdem bħala Social Worker fl-Aġenzija tal-Appoġġ. Jiena naf liż-żewġ partijiet pero' jiena proprjament niġi Social Worker ta' Dorielle Zerafa. Dorielle ġiet referuta lili mis-Servizz tal-179, u ċjoe' Help Line tal-Appoġġ. Jiena naħdem fis-sezzjoni tal-Domestic Violence. Dorielle kienet ċemplet il-179 u l-għada ċemplet l-aġenzija u jiena spiċċajt ħadt il-każ. Jiena kellimt lil Dorielle fuq it-telefon dakinhar, u ċjoe' f'xi Lulju tal-*

*2004 u peress li din beżgħet titlaq mid-dar jiena flimkien ma' kollega tiegħi għamilna home visit għandha xi ġimgħa wara. L-għada li Dorielle kienet ċemplet l-Appoġġ, naf illi Godwin Zerafa kien għamel ukoll kuntatt mal-Men's Services tal-Appoġġ u kien għamel appuntament. Dan nafu għaliex jiena 'Service Area Leader'.*

*"Waqt il-home visit li kont mort ma' Pauline Mercieca tkellimt ma' Dorielle u ommha u huma rrakkontawli minn x'hiex kienu għaddew. Huma qaluli li Godwin Zerafa kien ħareġ mid-dar xi ġimgħa qabel fuq parir tal-Pulizija, u li meta kien id-dar kien jikkontrolla s-sitwazzjoni, u ċjoe' ma kienx iħallihom jirrispondu telefon. Fil-fatt jiena għamilt xi xahar nipprova nċempel lil Dorielle imma kien dejjem off the hook. Huma qaluli li Godwin kien anki refa' jdejh fuqhom it-tnejn. Dorielle qalet li ma kinitx titla' fuq il-bejt għax Godwin ma kienx iħalliha titla'. Fil-fatt meta dħalna aħna x-shutters kienu magħluqin kollha. Dorielle kienet qalet li ma kienx iħalliha titla' fuq il-bejt biex ma tħarisx lejn irġiel oħra. Niftakar li kont osservajt li Dorielle u t-tifla tagħha kienu pallidi ħafna. Skond Dorielle, ir-raġel tagħha ma kienx iħalliha tarmi l-wipes tal-baby qabel ma jarahom hu. Kien anki jrid jara bottijiet tal-ikel qabel ma tarmihom ħalli jara x'kien qed jintuża u jikkontrolla. Jiena rajt ħafna elementi li skond jiena juru sitwazzioni ta' persuna li trid tikkontrolla kollox ġod-dar. Rajt u osservajt li Dorielle u ommha kienu jidhru mbeżżgħin. Kienu saħansitra talbu l-permess tiegħi biex jarmu xi bottijiet tal-ikel biex jaraw jekk hix xi ħaġa normali li tarmihom.*

*"Jiena lil Dorielle kont għidtilha li kellha tieħu parir legali u fil-fatt naf li ddeċidiet li tmur għand avukat bl-uffiċċju ġewwa l-Mosta għax beżgħat tmur iżjed 'il bogħod. Jiena kont żammejt kuntatt magħha bit-telefon u hija nfurmatni li bil-mod il-mod kienet bdiet toħroġ mid-dar. Home visits niftakar li għamilt tnejn żgur iżda jista' jkun għamilt tlieta. Imbagħad f'Awissu tal-2004 kien il-birthday tat-tifla u s-Sur Zerafa xtaq jara t-tifla. Dan nafu għaliex kien ċempilli l-avukat tiegħu stess. Ma nafx min kien l-avukat tiegħu. Jiena kont irranġajt biex il-partijiet u t-tifla jiltaqgħu l-Appoġġ pero` ma kontx preżenti jien. L-istess ġara f'Diċembru għall-Christmas iżda din id-darba jiena kont preżenti waqt il-laqgħa. Niftakar fil-fatt li s-Sur Zerafa kien 'upset' u kien anki daqsxejn pastaż verbalment versu Dorielle u anki lili. Rajt li kien ferħan ħafna li kien qed jara t-tifla u anki ġabilha xi toy. Meta għidt kliem pastaż fil-fatt is-Sur Zerafa ma wżax kliem ħażin jew oxxen iżda sempliċiment għadda xi 'snide remarks' fis-sens illi t-tifla tixbaħ lilu għaliex brava. Huwa deher emmozzjonat ħafna li kien mat-tifla tiegħu, tant hu hekk li anki kien beka. Qal il-kliem 'ara x'għamluli'. Sakemm l-affarijiet kienu kalmi kienet qed tieħu gost tilgħab ma' missierha, iżda għamlet pass lura meta ratu ftit urtat. L-għada ta' din il-laqgħa, il-konvenut kien ċempilli u skuża ruħu miegħi tal-komportament tiegħu.*

*"Imbagħad f'Marzu jien kont irreferejt lit-tifla għal 'phsychological Services, għaliex Dorielle kienet qaltli li kienet inkwetata bl-aġir tat-tifla, u dan fis-sens li 'she was lashing out'*

*għal kull ħaġa ta' xejn u meta tisma' l-għajjat tgħid 'bħal papa'. Jien qgħadt fuq dak li qaltli Dorielle u ma għamiltx find out' tiegħi jekk dan kollu kienx veru jew le. Jiena kont irreferejt il-każ lil 'Supervised Access Visits' pero' kien hemm 'waiting list' tant twila li l-missier spiċċa biex ma kellux aċċess għat-tifla għaliex Dorielle kienel tibża'. B'hekk l-uniċi drabi li seta' jara t-tifla kienu f'Awissu u f'Diċembru f'dawk iż-żewġ okkażjonijiet li semmejt, u dan għaliex irranġajt jiena. Naf li wara Diċembru tal-2004 kien ħareġ Digriet tal-Qorti għal 'supervised access'.*

*"Wara Diċembru tal-2004 jiena ftit li xejn kont bqajt involuta fil-każ, tant hu hekk li f'Ġunju 2005 għalaqt il-file. Naf ukoll li l-konvenut ma kienx beda jagħmel użu mill-'Men's Services' għaliex wara li mar l-ewwel appuntament ħass li ma kellux bżonn ikompli."*

"Illi meta xehdet in kontro-eżami, ix-xhud qalet testwalment illi:-

*"Il-'Men's Services' qegħdin hemm għal dawk l-irġiel li jabbużaw,u jsawtu n-nisa. Jiena qatt ma kelli okkażjoni li nkellem lill-konvenut waħdu bil-kwiet. Bħala social worker ta' Dorielle jiena ma nkellimx lir-raġel tagħha iżda jkun hemm social worker ieħor tal-Men's Services li jagħmel dan. Jekk jixtieq ir-raġel ikun jista' jqabbad social worker tiegħu mill-Generic jew Initial Response Team u mhux mill-Domestic Violence Unit. Suppost qalulu iżda m'inix ċerta.*

*"Jiena jidhirli li l-verżjoni li tatni Dorielle hija dik li kienet komda tgħidli u kellha kull opportunita' li tgħidhieli. Jiena ma deherlix li rajt xi problemi psikoloġiċi bejn Dorielle u ommha. Kieku dan kien il-każ kont nirreferiha lill xi ħadd. Xogħolna mhuwiex wieħed investigattiv. Jiena ma ppruvajtx nistabbilixxi jekk Dorielle u ommha kienux l-ewwel li kienu qegħdin jerfgħu jdejhom fuq il-konvenut. Ma ħariġx il-fatt li meta kienet tinqala' xi tilwima l-konvenut kien jipprova joħroġ 'il barra iżda Dorielle u ommha kienu jimpeduh milli joħroġ mid-dar, iżda minn dak li qaluli huma ħareġ il-kuntrarju, u ċjoe' li kien il-konvenut li tefagħhom 'il barra.*

*"Jiena nagħmilha ċara li dan kollu li xhedt huwa a bażi ta' dak li qaltli Dorielle, għaliex jiena l-verżjoni tagħha biss smajt, u dan peress illi xogħolna mhuwiex li nagħmlu investigazzjoni. Dorielle kienet qaltli li kienel anki għamlet xi rapport lill-pulizija. Ma niftakarx jekk tlabtx biex nara dawn ir-rapporti. Aħna f'xogħolna ma nagħmlux verifiki.*

*"Dorielli qaltli li l-konvenut kien ħareġ mid-dar fuq parir tal-pulizija u li hija kienet bidlet is-serratura ġurnata jew tnejn wara li telaq. Niftakar li kien hemm każ il-Qorti dwar li nbidlet is-serratura u jiena kont akkumpanjajt lil Dorielle il-Qorti, iżda ma niftakarx jekk għamiltx hekk għax kont imħarrka jew bħala 'support'. Żgur li ma kontx xhedt u lanqas dħalt fl-Awla. Il-parir dwar it-tibdil fis-serratura ma kontx tajtu jiena. M'għidtilhiex*

*biex tbiddlu lura u ma niftakarx jekk għidtilhiex li għamlet ħażin.”*

“Illi l-Qorti peress li semgħet il-partijiet f’xi okkażjonjiet rigward id-diversi rikorsi li saru, waslet għall-istess konklużjoni, u ċjoe’ li ż-żewġ partijiet kienu jaħtu ugwalment għat-tifrik taż-żwieġ – fi kliem ieħor il-Qorti tħoss li l-partijiet t-tnejn jaħtu għat-tifrik taż-żwieġ, u spiċċaw jgħixu ġo *“sistema costante di vessazione e di disprezzo,di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l’ abitazione e la vita commune”.* (**“Caterina Agius vs Benedict Agius” –** deċiża mill-Prim Awla fit-13 ta’ Ġunju 1967). Dan independentement mill-fatt li issa ż-żwieġ huwa annullat b’deċiżjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku.

“MINURI

Illi għalkemm il-Qorti tat digrieti li permezz tagħhom akkordat aċċess lill-konvenut, sfortunatament dan l-aċċess ilu ma jiġi eżerċitat mhux b’tort tal-istess konvenut iżda minħabba d-diffikulta’ ta’ komunikazzjoni li għandha l-minuri. Il-Qorti stess ippruvat tikkomunika magħha fil-bidu tal-proċeduri iżda mingħajr suċċess. Għalhekk għalkemm din il-Qorti se tħalli d-dritt tal-aċċess miftuħ, mhux se tiffissa ħinijiet u ġranet għaliex taf li dan huwa inutili. F’dan l-aspett tissimpatiżża mal-konvenut li jħallas il-manteniment għall-minuri mingħajr ma jaraha.

“ALIMENTI

“Illi ma hemmx kwistjoni li l-alimenti lill-attriċi issa ntemmu għaliex għaddew ħames snin mill-annullament skond l-artikolu 20 (5) tal-Att dwar iż-Żwieġ. Hemm biss lok li l-konvenut iħallas manteniment għall-minuri u l-Qorti taqbel li dan għandu jibqa’ fil-livell tad-digriet viġenti. ossija €200 fix-xahar sakemm il-minuri tagħlaq tmintax-il sena jew tkun impjegata skond liema tirrikorri l-ewwel, u jekk tibqa’ tistudja sakemm tagħlaq 23 sena.

“Illi l-konvenut qed jitlob rifużjoni tal-ammont żejjed li qed jgħid li ħallas madankollu dan ma jifformax parti mit-talbiet f’din il-kawża u għalhekk jekk huwa ħallas xi ammonti żejda dan id-dritt tiegħu jibqa’ impreġudikat.

“**DEKADENZA**

“Illi l-attriċi għamlet ukoll is-solti talbiet għad-dekadenza skond l-artikoli 48 *et sequentea* tal-Kodiċi Ċivili;

“**48.** (*1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

*“(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*

*"(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*

*"(c) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*

*"(d) il-jedd li ġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*

"Illi l-artikoli 38 u 41 imsemmija f'dan l-artikolu jsemmu adulterju u abbandun rispettivament.

"Illi l-Artiklu 51 u 52 jgħidu illi:

"**51**. *Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom jgħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu.*

"**52**. *Hu mħolli wkoll f'idejn il-Qorti li tiddeċiedi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx jgħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx jgħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-ohra jkunu ħtija ta' egħmil li jagħti lok għall-firda.*

"Illi din il-Qorti allura għandha d-diskrezzjoni jekk tapplikax il-provvediementi tal-artikolu 48 jew le. F'dan il-każ fil-verita' dawn il-konsiderazzonijiet għandhom valur aktar akkademiku peress li ż-żwieġ gie mħassar iżda din il-Qorti qed taqbel ukoll mal-perit legali f'dan l-aspett li ma kienx hemm raġunijiet għall-akkoljiment ta' dawn it-talbiet.

"**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

"Illi kif semmiet ukoll il-Perit Legali ftit jew xejn inġiebu provi fuq il-komunjoni tal-akkwisti u f'kull każ jidher li ma hemm xejn x'jinqasam għaliex l-attriċi tgħix ma' bintha ġo fond li hija wirtet u allura huwa tagħha (parafernali). Il-konvenut pero' qed jitlob lura xi oġġetti personali tiegħu li ħalla d-dar meta telaq u allura

> għandu dritt jeħodhom lura. Dawn se jkunu ndikati fil-parti dispożittiva tas-sentenza."

**L-Appelli**

4. L-attrici appellat mis-sentenza b'rikors prezentat fis-27 ta' Lulju 2017, filwaqt li l-konvenut ipprezenta r-risposta tieghu flimkien ma' appell incidentali fil-21 ta' Awissu 2017.

5. L-attrici issejjes l-appell taghha fuq zewg aggravji: [1] li ma kellhiex tinghata l-ordni sabiex jinghataw lura lill-konvenut l-arlogg tal-idejn u c-curkett tad-djamanti u [2] li l-manteniment dovut lill-attrici ghat-tifla kellu jkun f'ammont akbar minn €200.

6. Abbazi ta' dawn l-aggravji l-attrici qed titlob ir-riforma tas-sentenza appellata billi tigi revokata dik il-parti tas-sentenza fejn inghatat l-imsemmija ordni u wkoll il-manteniment dovut ghat-tifla jigi awmentat sabiex jirraprezenta ahjar il-htigijiet tal-minuri, jigi awmentat kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja kif mahsub fil-Kap.158 tal-Ligijiet ta' Malta u li l-manteniment hekk rivedut jinqata' direttament mis-salarju tal-konvenut, filwaqt li tikkonferma s-sentenza ghal bqija; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

7. Il-konvenut isejjes l-appell incidentali tieghu fuq zewg aggravji: [1] li skond il-konvenut l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta waslet ghall-konkluzjoni li t-tort ghat-tkissir taz-zwieg huwa attribwibbli liz-zewg partijiet b'mod ugwali u [2] li dik il-Qorti ma kellhiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tieghu li jigi rifuz lilu l-manteniment imhallas minnu wara t-13 ta' April 2011 sad-29 ta' April 2015, filwaqt li zammet impregudikat id-dritt li jaghmel din it-talba f'gudizzju separat.

8. Fir-risposta tieghu l-konvenut qed jitlob li l-appell tal-attrici jigi michud ghar-ragunijiet spjegati minnu fir-risposta tieghu, filwaqt li l-appell incidentali tieghu jigi milqugh abbazi tal-aggravji fuq indikati, u tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara l-htija tas-separazzjoni tigi attribwita unikament lill-attrici jew alternattivament tigi attribwita principalment lill-attrici, u wkoll billi tiddikjara r-rifuzjoni tal-manteniment moghti lill-attrici ghaliha mit-13 ta' April 2011 sad-29 ta' April 2015, filwaqt li tikkonferma s-sentenza ghal bqija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici.

**<u>L-Appell Incidentali</u>**

*L-Ewwel Aggravju*

9. Dan jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza appellata li titratta dwar it-tort attribwit liz-zewg partijiet b' mod ugwali ghas-separazzjoni personali

u l-ispejjez tal-proceduri akkollati liz-zewg partijiet b'mod ugwali. Il-konvenut isostni li t-tort kellu jigi attribwit kollu lill-attrici, jew almenu principalment lill-attrici. Fir-rikors tieghu huwa jattribwixxi lill-attrici u lill-ommha komportament abbuziv fil-konfront tieghu. Jghid li l-attrici kellha hafna stramberiji u ossessjonijiet u kienet tghir hafna ghalih u tagixxi b'mod li tikkontrollah f'dak li kien jaghmel. Jghid ukoll li l-attrici tbati minn dizordni fil-personalita` taghha bir-rizultat li kienu jinqalghu hafna litigji u kien hemm okkazjonijiet fejn hu kien anki safa' aggredit minnha u minn ommha filwaqt li jichad li hu qatt sawwat lill-attrici. Kien f'wahda minn dawn l-okkazjonijiet fejn hu gie aggredit minnhom u imsawwat li gie imkecci mid-dar matrimonjali.

10. Min-naha taghha l-attrici tirribatti billi tghid li mhux minnu li hi ghandha dizordni fil-personalita` taghha u l-provi juru li huwa l-konvenut li huwa afflit minn kondizzjoni mentali. Tissenjala li dak li huwa attribwixxa lilha jghodd ghalih, tant li t-tribunali ekklesjastici jattribwixxu in-nullita` taz-zwieg ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet. Inoltre, rigward l-episodji ta' vjolenza fizika li fihom l-attrici sofriet griehi maghmula mill-konvenut, ix-xhieda tal-attrici issib konfort f'diversi xhieda fosthom dik ta' Dottor Michael Farrugia li dak iz-zmien kien tabib tal-familja. Tghid li z-zwieg tfarrak mhux minhabba tort unikament attribwit lilha izda wkoll tort tal-komportament abbuziv tal-konvenut, liema prova issib konfort f'diversi xhieda familjari tal-attrici.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

11. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi rigwardanti dan l-aspett tal-kawza, tasal ghall-istess konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti, jigifieri li t-tifrik taz-zwieg kien rizultat tal-komportament abbuziv tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin.

12. Rigward it-tort attribwit lill-konvenut din il-Qorti tosserva li l-allegazzjoni tal-attrici li l-konvenut kien ta' sikwit jerfa' idejh fuqha issib konfort, fost provi ohra, fix-xhieda tat-tabib tal-familja fuq imsemmi li fid-depozizzjoni[1] tieghu jghid hekk:

> "Jiena ili naf l-attrici minn meta kienet ghadha gharusa u cioe` snin ilu. Hija kienet pazjenta regolari tieghi .....Jiena gieli rajtha fuq kazi normali ta' mard regolari, u gieli rajtha wkoll fuq allegat swat fuq il-persuna taghha. Jien nippreciza li l-allegazzjoni ta' swat dejjem saret mill-attrici biss wahedha. Jiena gieli iccertifikajt il-feriti li sibt fuq l-attrici. Dawn kienu jkunu principalment ta' tbengil.
>
> "Qed nigi muri zewg certifikati mahrugin minni li qed jigu prezentati u immarkati minni .... u nikkonferma li dawn kienu uhud mic-certifikati li jiena hrigt fir-rigward tal-attrici. Ghandi nghid li kien hemm okkazzjonijiet fejn l-attrici stess talbitni sabiex ma nohrogx ebda certifikat biex kemm jista' jkun ma jinqalax izjed inkwiet.
>
> "Kull darba li kien hemm xi allegazzjoni ta' swat mill-attrici jiena ikkonstatajt li kien hemm tbengil fuq il-persuna tal-attrici."

13. Din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula mill-perit legali l-Avukatessa Dottor Veronica Galea Debono li tat

[1] Vol.2 – Fol.568-569

stampa reali u korretta tal-kagun tal-inkwiet matrimonjali bejn il-partijiet u tat-tort rispettiv, kif johrog mill-provi. Il-paragrafu numru 28 tar-relazzjoni taghha jaqra testwalment hekk:

> "Illi wara li hadet in konsiderazzjoni x-xhieda kollha moghtija f'din il-kawza, ma hemm l-ebda dubju f'mohh l-esponenti li r-responsabbilta` ghall-firda hija taz-zewg partijiet b'mod kwazi ugwali,u li t-tnejn li huma kienu jbaghtu minn kundizzjonijiet psikologici li kienu jrendulhom mhux idoneji ghaz-zwieg.
>
> "Fil-qosor, il-konvenut jidher li huwa bniedem li jbaghti minn paranoia u fissazzjonijiet serji, liema kundizzjonijiet zgur huma kapaci jrendu l-hajja mizzewga impossibbli. Jidher koll li meta kien jitlef il-pacenzja il-konvenut kien anki jsir ftit aggressiv fil-konfront tal-attrici u anki fil-konfront ta' ommha, u dan ovvjament huwa inaccettabli.
>
> "Min-naha l-ohra huwa car li l-attrici hija bniedma li assolutament tiddependi ghal kollox minn ommha tant hu hekk li wara z-szwieg il-partijiet marru jghixu ghan domm l-attrici fejn ma hemmx dubbju giet krejata sitwazzjoni ghal kollox skomda u impossibbli ghall-konvenut. Huwa car li l-attrici hija bniedma 'over protected' minn ommha, u jidher car ukoll omm l-attrici kienet tindahal b'mod ezagerat bejn il-koppja waqt iz-zwieg. Apparti dan, il-komportament tal-attrici fiz-zwieg ma kienx wiehed accettabli u jidher li anke l-attrici kienet tbati minn kundizzjonijiet psikologici li kienu jrennduha mhux tajba ghaz-zwieg.
>
> "L-esponenti thoss li wara d-diversi rapport psikologici li saru f'din il-kawza u wara anki l-vertenza tal-annullament li nhareg mill-Knisja ma hemmx lok li wiehed ikompli jidhol f'din il-kwistjoni ghaliex il-komportament u l-istat mentali taz-zewg partijiet gie altru milli spjegat. Huwa car pero` li l-htija u r-responsabbilta` ghas-separazzjoni personali ma tistax tinghata lill-parti wiehed jew wahda biss, izda ghandha tinghata lit-tnejn li huma.
>
> "Ghalhekk in kwantu ghal-ewwel talba tal-attrici, allavolja ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, din ma tistax tigi ppronunzjata minhabba htijiet tal-konvenut biss, izda ghandha tigi dikjarata minhabba kundizzjonijiet u komportament hazin imputabbli lit-tnejn li huma".

14. Din il-Qorti taqbel ma' dan l-analizi u taghmilha taghha.

Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju*

15. Dan jirrigwarda l-ammont ta' manteniment imhallas mill-konvenut ghall-attrici wara d-digriet moghti minn din il-Qorti fit-13 ta' April 2011 li permezz tieghu giet ratifikata d-decizjoni tal-annullament taz-zwieg moghtija mit-tribunali ekklesjastici. Jissenjala li, minkejja li ma kienx obbligat li jaghmel hekk, huwa xorta wahda baqa' jhallasha l-manteniment taghha ta' €150 fix-xahar sad-29 ta' April 2015 u ghalhekk qed jitlob ir-rifuzjoni tal-ammont kollu hekk imhallas tul dak il-perijodu ta' 4 snin. Huwa jilmenta mid-decizjoni tal-ewwel Qorti li t-talba tieghu ma setghetx tintlaqa' fil-proceduri odjerni ghax ma kienx ghamel kontro-talba, u fir-rigward illimitat ruhha billi zammet id-dritt tieghu li jitlob ir-refuzjoni impregudikat.

16. Jghid li matul il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti huwa kien ghamel zewg rikorsi, wiehed fit-22 ta' Jannar 2015 u l-iehor fit-8 ta' April 2015 li permezz taghhom talab specifikatament li jitwaqqaf il-manteniment u li jigi rifuz lilu l-ammont zejjed li huwa kien baqa' jhallas peress li d-digriet relattiv kien baqa' fis-sehh. L-ewwel Qorti, filwaqt li laqghet it-talba ghall-waqfien tal-menteniment dovut ghal mara, baqghet ma ddecidietx it-talba tieghu ghar-rifuzjoni tal-ammont imhallas zejjed.

17. Rigward it-talba ghar-rifuzjoni, il-konvenut jinvoka l-artikolu 25[2] tal-Kodici Civili li jghid espressament:

> "[2] Jekk f'dan il-kaz it-talba ghal manteniment tigi michuda, il-konvenut ikollu l-jedd jitlob minghand l-attur innifsu, jew minghand il-persuna li jkollha d-dmir taghti mantenimenti lil dak l-attur, ir-radd bl-imghax ta' kull somma li jkun hallas."[2]

18. Huwa jinvoka wkoll l-artikolu 20 tal-Att dwar iz-Zwieg [Kap.255] li jiddisponi:

> "(1) Jekk żwieġ ikun dikjarat null l-effetti ta' żwieġ validu għandhom jitqiesu li kienu jeżistu, favur il-miżżewġin sakemm is-sentenza ta' nullità tkun saret *res judicata* meta l-miżżewġin ikunu iżżewġu in *bona fide*.
>
> "(2) L-effetti ta' żwieġ validu jitqiesu li dejjem kienu jeżistu għal dak li jirrigwarda t-tfal li jitwieldu jew konċepiti matul żwieġ dikjarat null kif ukoll għal dak li jirrigwarda tfal li jitwieldu qabel dak iż-żwieġ u li jkunu rikonoxxuti qabel ma tingħata s-sentenza ta' nullità.
>
> "(3) Jekk waħda biss mill-partijiet kienet in *bona fide* dawk l-effetti japplikaw favur tagħha u favur l-ulied.
>
> "(4) Jekk ebda waħda mill-partijiet ma kienet in *bona fide* l-effetti ta' żwieġ validu għandhom japplikaw biss favur l-ulied li jitwieldu jew konċepiti matul iż-żwieġ dikjarat null.
>
> "(5) Minkejja kull dispożizzjoni oħra, min mir-raġel jew il-mara jkun responsabbli għan-nullità taż-żwieġ, ikun obbligat iħallas manteniment lill-parti l-oħra li tkun in *bona fide* għal perijodu ta' ħames snin, liema obbligu jispiċċa jekk il-parti *in bona fide* tiżżewweġ matul dak iż-żmien."

19. Il-konvenut jkompli jfisser hekk dan l-aggravju:

---

[2] Is-sub inciz [1] tal-istess artikolu jaqra hekk: "Meta jkun hemm talba ghall-manteniment, il-Qorti tista', waqt li tkun ghadha miexja l-kawza, tikkundanna lill-konvenut biex jaghti lill-attur il-manteniment provvizorju f' somma li tkun bizzejjed ghall-hwejjeg l-aktar mehtiega ghall-hajja, izda dan kemm-il darba l-konvenut ikun bic-car wiehed minn dawk illi, jekk ikollhom minn fejn, huma mll-ligi fid-dmir li jaghtu l-manteniment lill-attur."

> "L-Artikolu 20 tal-Att fuq imsemmi huwa car – l-effetti taz-zwieg validu ghandhom jibqghu vigenti wara sentenza ta' nullita` li tkun saret res judicata jekk xi had ikun in *buona fede.* Illi l-artikolu 20[4] jghid illi jekk l-ebda wahda mill-partijiet ma tkun in *buona fede* wara li s-sentenza ta' nullita` tkun saret *res judicata* l-effetti ta' zwieg validu japplika biss favur l-ulied. Dan l-artikolu japplika fil-kaz in ezami, u dana ghaliex iz-zewg partijiet kienu in *mala fede*, fil-fatt iz-zewg partijiet gie impost fuqhom *vetitum* – cioe` projbizzjoni milli jerghu jizzewgu bir-rit Kattoliku. Inoltre l-artikolu 20 [4] ma jimponi ebda terminu ta' hames snin."

20. Ghalhekk isostni li l-ewwel Qorti kellha d-dover li tikkunsidra t-talba tieghu fil-kors tal-proceduri odjerni u dik il-Qorti ma setghetx tiddeciedi li ebda rifuzjoni mhu ser jinghata ghaliex ma saret l-ebda talba.

21. Min-naha taghha l-attrici tirribatti ghal dan l-aggravju billi tghid li l-ewwel Qorti kienet korretta meta halliet it-talba tal-konvenut maghmula fil-mori tal-proceduri impregudikata sabiex tigi deciza f'gudizzju separat. Hija tkompli tfisser hekk ir-risposta taghha ghal dan l-aggravju hekk:

> "Il-messagg li riedet tghaddi l-Qorti kien illi jekk l-appellat ghandu xi dritt jirkupra xi flus, dan ghandu jaghmlu kif suppost, u cioe` fi procedura apposta li jinfethu ghal dan il-ghan. Minn dan kollu, l-appellat ma ghamel xejn, u semplicement talab ghal darba, darbtejn din ir-rifuzjoni permezz ta' rikors. ….. L-ewwel Qorti kellha t-talbiet kontenut fic-citazzjoni originali u gustament imxiet skond dawk it-talbiet.."

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

22. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li, minkejja li l-konvenut qed jibbaza dan l-aggravju wkoll fuq is-subinciz [2] tal-artikolu 25 tal-Kodici

Civili, dan l-artikolu huwa inapplikabbli ghal kaz odjern, ghax dan jitratta dwar il-manteniment f'kawza ta' separazzjoni personali u mhux kaz ta' manteniment li kien jithallas u twaqqaf minhabba l-annullament taz-zwieg li ghandu estremi differenti minn dawk li jaghtu lok ghas-separazzjoni.

23. Dan mhux il-kaz fejn fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti iddecidiet li ma kellux jithallas manteniment jew kellu jithallas f'ammont inqas minn dak li kien gie ordnat ihallas *pendente lite* fl-istess kawza ta' separazzjoni personali minhabba tort ghas-separazzjoni, bhal per ezempju tort li jaghti lok ghad-dekadenza dikjarata f'data retrospettiva ghas-sentenza, izda dak li qed jintalab huwa rifuzjoni ta' manteniment rizultat ta' sentenza ta' annullament bejn il-partijiet fejn it-tort abbazi tal-artikolu 19 [d][3] tal-Kap. 255 gie attribwit liz-zewg partijiet. Ghalhekk dak li l-ewwel jispetta li jigi deciz huwa jekk ir-ragunijiet tal-annullament li sabu t-tribunali ekklesjastici humiex tali li jwasslu ghall-prova tal-*mala fede* [bhal per ezempju fil-kaz ta' simulazzjoni] u x'effetti dan ghandu jkollu fir-rigward tal-manteniment li kien baqa' jhallas il-konvenut ghall-attrici. Dan jispetta li jigi deciz f'gudizzju separat moghti fi proceduri separati istitwiti appozittivament in bazi tad-dispozizzjonijiet tal-Att taz-Zwieg li jirregolaw l-annullament taz-zwieg u mhux fil-proceduri odjerni li

[3] Ghalkemm ma gietx esebita fl-atti kopja tas-sentenzi tat-tribunali eklesjastici, jidher li huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-annullament taz-zwieg kien dovut ghan-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga da parti taz-zewg partijiet, tant li gie impost il-*vetitum* fuq it-tnejn.

huma dawk ta' separazzjoni regolati bil-Kodici Civili, ghax kif gia` intqal l-estremi li jaghtu lok ghall-annullament huma differenti minn dawk li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali.

24. Ghaldaqstant din il-Qorti tikkunsidra dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed tichdu.

**L-Appell Principali**

*L-Ewwel Aggravju*

25. Dan hu bazat fuq dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ordnat li, fost affarijiet ohra, jinghataw lura lill-konvenut l-arlogg ta' l-idejn u c-curkett tad-djamanti oggetti parafernali tieghu. L-attrici tilmenta li din l-ordni ma kellhiex tinghata ghax fl-atti m'hemm l-ebda prova illi dawn l-oggetti qatt ezistew u/jew li fil-fatt dawn qeghdin fil-pussess taghha. Tissenjala li kull ma ghamel il-konvenut fir-rigward hu li semma dawn l-oggetti fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, u ma ghamel xejn aktar. Hija tichad li dawn l-oggetti huma ghandha u tissenjala li l-konvenut kellu okkazjoni fejn mar id-dar u jigbor hwejgu u ghalhekk jekk dawn l-oggetti verament jezistu seta' hadhom mieghu.

26. L-attrici tilmenta li, ladarba dawn l-oggetti mhumiex ghandha, hija fl-impossibilita` li tobdi l-ordni tal-Qorti u ghalhekk qed titlob li din il-Qorti

tillikwida somma li tirrapprezenta l-valur ta' dawn l-oggetti biex hi tkun tista' tezegwixxi l-ordni tal-Qorti. Tissenjala li din l-ahhar talba qed issir minghajr pregudizzju ghall-ilment taghha riportat fil-paragrafu precedenti.

27. Min-naha tieghu l-konvenut jirribatti jghid li matul il-proceduri meta issemmew dawn l-affarijiet flimkien mal-ghodda l-attrici ma kinitx oggezzjonat dwar l-ezistenza taghhom jew li hija m'ghandhiex il-pussess taghhom. Huwa wkoll inkontestat li dawn huma parafernali tieghu. Jispjega li l-arlogg tal-idejn, li ghandu biss valur sentimentali qawwi, kien dejjem jinzamm fl-armadju tal-kurridur, filwaqt li c-curkett tad-djamanti tal-engagement kien inghata lilu u li hija ghandha curkett tad-djamanti parigg tal-istess valur. Dawn kienu inxtraw fis-sena 2000 u ghalhekk illum ic-curkett jiswa' hafna aktar. Jichad li huwa kellu l-opportunita` li jidhol id-dar u jiehu dawn l-oggetti, u jsostni li huwa qatt ma seta' jidhol id-dar u kieku verament dahal id-dar zgur li ma kienx ihalli xi oggetti tieghu hemmhekk, inkluza l-ghodda tieghu li l-appellanti mhux qed tikkontesta l-ezistenza u l-pussess taghhom.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

28. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-attrici ghandha ragun tilmenta li l-prova dwar l-oggetti li hi giet ordnata li tirritorna mill-ewwel Qorti kellha issir qabel ma jinghalaq l-istadju tal-provi u mhux jissemmew biss fin-nota

tal-osservazzjonijiet finali tal-konvenut; inoltre din il-prova li setghet saret qabel m'ghandhiex tithalla issir bhala prova gdida fl-istadju ta' appell.

29. Il-Qorti tosserva li, filwaqt li l-partijiet damu jillitigaw 12-il sena quddiem l-ewwel Qorti principalment dwar it-tort tas-separazzjoni, ftit li xejn hemm provi dwar l-aspett patrimonjali. Il-konvenut kellu opportunita` ampja sabiex iressaq il-prova dwar dawn l-oggetti, izda, ghalkemm fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu prezentata fis-26 ta' Mejju 2016 huwa jghid li kien semma' dawn l-oggetti fl-affidavit tieghu[4], dan mhux minnu ghax l-affidavit[5] tieghu kien jitratta principalment il-kwistjonijiet li kienu jinqalghu matul il-konvivenza matrimonjali.

30. Fir-rigward, il-perit legali, fl-eskussjoni taghha li saret fid-29 ta' Jannar 2016[6], fuq kumment tad-difensur tal-attrici li l-oggetti parafernali "iridu jigu identifikati", [u dan wara proceduri li kienu ilhom ghaddejjin 11-il sena !] ikkonfermat li ma kinitx saret lista tal-assi kollha u li kieku saret kienet tiehu konjizzjoni taghha.

31. Ghalhekk, ladarba l-konvenut naqas milli jressaq prova dwar l-ezistenza ta' dawn l-oggetti, l-ilment tal-attrici huwa gustifikat u l-aggravju qed jigi milqugh.

[4] Vol.3 Fol.1005
[5] Vol.2 Fol.837
[6] Vol.3 Fol.989

*It-Tieni Aggravju*

32. Dan jirrigwarda l-*quantum* tal-manteniment stabbilit mill-ewwel Qorti ghat-tifla minuri. Tissenjala li dan ghandu jkun akbar minn €200 tenut kont tas-segwenti fatturi: li l-konvenut ghandu paga tajba fl-impieg tieghu bhala *principal statiscian* mal-gvern; li l-konvenut jghix mal-genituri tieghu u ghalhekk m'ghandux "spejjez ohra"; li ma nghad xejn fis-sentenza appellata dwar min ghandu jhallas l-ispejjez tal-edukazzjoni u ta' sahha tal-minuri u tissottometti li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas imqar nofshom, b'tali mod li l-manteniment mensili jkun jinkludi dawn l-ispejjez; li illum[7] it-tifla ghandha 16-il sena u qed tipprepara sabiex taghmel l-ezamijiet fil-livell ordinarju u ghalhekk tehtieg hafna spejjez; li l-konvenut ilu "numru ta' snin ihallas somma fissa ta' €200 fix-xahar u din is-somma ilha zmien twil ma tigi awmentata mill-Qorti biex tirrifletti z-zieda fl-ispejjez u l-anqas ma hemm ordni ghal awment fis-sentenza appellata."

33. Min-naha tieghu l-konvenut jirribatti principalment billi jaghmel referenza ghall-artikolu 19[2] tal-Kodici Civili, li jghid li l-manteniment jinkludi l-ispejjez tal-edukazzjoni u ta' sahha. Huwa jissenjala li, minkejja li l-attrici kienet ghal zmien twil tipprivah milli jara lil bintu u jkollu access ghaliha, huwa xorta wahda baqa' jhallas il-manteniment

[7] Ir-rikors tal-appell kien gie prezentat fis-27 ta' Lulju 2017

dovut kemm ghall-attrici kif ukoll ghat-tifla u dan minghajr problemi, anzi baqa’ jhallas il-manteniment kollu anke wara li z-zwieg gie dikjarat null. Jghid li l-attrici ma gabet ebda prova li l-htigijiet tal-minuri li llum ghandha ‘il fuq minn 16-il sena zdiedu b’mod li kellu jgib mieghu zieda fil-*quantum* tal-manteniment dovut minnu ghaliha. Jissenjala wkoll li ma tezistix raguni valida ghaliex il-manteniment ghandu jinqata’ direttament mis-salarju tieghu, u b’hekk jikxef l-affarijiet personali tieghu mal-kollegi tax-xoghol, ladarba huwa dejjem kien puntwali fil-hlas.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

34. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li l-fatt *ut sic* li l-konvenut ilu ghal zmien twil ihallas l-istess ammont ta’ manteniment ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li allura issa ghandu jigi awmentat jekk ma jikkonkorrux cirkostanzi li jaghti lok ghal awment.

35. L-attrici issemmi diversi fatturi li abbazi taghhom qed tressaq il-pretensjoni taghha li l-manteniment mensili tal-minuri ghandu jigi awmentat, u fir-rigward din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

36. Illi l-fatt wahdu li l-konvenut ghandu paga tajba ma jwassalx necessarjament li l-manteniment ghandu jigi awmentat, stante li l-

manteniment jiddependi wkoll fuq il-bzonn ta' min qed jircevih. It-tifla illum ghandha 'il fuq minn 16-il sena u ghalhekk qeghda f'eta` li tghin ruhha. Barra minnhekk l-edukazzjoni u s-sahha fil-pajjiz huma servizzi offruti bla hlas lil min ghandu bzonnhom. Inoltre, l-argument tal-attrici li l-konvenut m'ghandux spejjez ta' akkomodazzjoni ghax jghix mal-genituri tieghu japplika wkoll u fl-istess grad ghall-attrici li tghix fid-dar parafernali taghha ma' ommha.

37. Din il-Qorti tissenjala li l-obbligu tal-manteniment tat-tfal jispetta liz-zewg genituri u mhux lill-missier biss u ghalhekk, fic-cirkostanzi tal-kaz, issa ladarba it-tifla ghandha eta' li tippermettilha grad qawwi ta' indipendenza minn ommha, ma hemm xejn x'jimpedixxi lill-attrici milli tadempixxi l-obbligu taghha li tikkontribwixxi hi wkoll finanzjarjament ghall-htigijiet tat-tifla.

38. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti ma tarax li l-manteniment fissat mill-ewwel Qorti huwa inadegwat u ma tarax li ghandha tiddisturba l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti fir-rigward, li hu wiehed korrett. Izda t-talba attrici ghaz-zieda annwali hija gustifikata fis-sens li ghandu jkun hemm awment skond l-indici ufficjali tal-gholi tal-hajja. Din il-parti tal-aggravju hija gustifikata u ghalhekk qed tigi milqugha.

39. Rigward it-talba attrici li l-manteniment ghandu jitnaqqas direttament mis-salarju tal-konvenut, din il-Qorti ma tarax li hemm raguni

valida li ssostni din it-talba. Huwa pacifiku li l-konvenut dejjem kien puntwali u regolari fil-hlas tal-manteniment, kemm tat-tifla kif ukoll tal-attrici, mhux talli hekk talli huwa kien baqa' jhallas manteniment ghall-attrici anke wara li z-zwieg tieghu kien gie annullat.

40. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa parzjalment gustifikat fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi u qed jigi hemm milqugh.

**Decide**

Ghaldaqstant tiddisponi mill-appell incidentali billi tichdu, filwaqt li tilqa' l-appell principali kif ser jinghad: tigi revokata dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti tat ordni sabiex l-attrici tirritorna lura lill-konvenut l-arlogg tal-idejn u c-curkett tad-djamanti; tigi riformata dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ordnat li l-konvenut jibqa' jhallas lill-attrici l-ammont ta' €200 bhala manteniment ghat-tifla, billi tordna li dan il-manteniment jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja kif muri fl-indici ufficjali tal-gvern u tichad l-appell ghal bqija; tikkonferma s-sentenza appellata ghall-kumplament.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt ta' dawk tal-appell incidentali jigu sopportati kollha mill-konvenut, u l-ispejjez tal-appell

principali jigu sopportati bejn il-partijiet in kwantu għall-kwart [1/4] mill-attrici u r-rimanenti tliet kwarti [3/4] mill-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
gr